MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 234/2011

Kawza fil-lista: 31

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Antonio Carbonaro ppubblikat fit-2 ta' Dicembru 1986, u li t-tifel li twieled f'dan iz-zwieg illum huwa maggjorenni;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante, illi minbarra li ilhom snin

twal separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat lil-konvenut debitament notifikata ddikjarat li ma topponix ghat-talba;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------